MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 2175/1997/1

**Maryrose Mifsud**

**vs**

**Avukat Dottor Joseph Bartolo fil-kwalita` tieghu ta' esekuttur testamentarju ta' Michelina Mifsud, xebba, bint il-mejtin Salvatore u Emilia nee Grima li mietet fit-8 ta' Frar 1996 kif mahtur b'digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civli numru 967/96**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Settembru, 1997 l-attrici ppremettiet illi hija legatarja tal-mejta Michelina Mifsud li mietet fit-8 ta' Frar, 1996 u liema wirt iddevolva skond tlett testmenti taghha tal-20 ta' Mejju, 1990, 15 ta' Frar, 1994 u 6 ta' Ottubru, 1995 it-tlieta fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia li kopji taghhom gew annessi ma' l-istess citazzjoni u mmarkati bhala Dokumenti A,B u C; illi skond l-ahhar zewg testmenti tat-testatrici Michelina Mifsud hija halliet zewg legati ta' LM3,000 il-wahda lill-attrici ammontanti komplessivament ghal LM6,000; illi l-esekutur testamentarju ma jridx ihallas it-totalita` ta' dawn il-legati imma jrid ihallas biss LM3,000 tant li ddeposita din is-somma fir-Registru tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li jgib in-numru 681/97; illi b'ittra ufficjali tat-18 ta' Dicembru, 1996 l-attrici interpellat lill-konvenut nomine biex ihallasha l-legat ta' LM6,000 pero` baqa' inadempjenti; ghalhekk talbet li dik il-Qorti tikkundanna lill-konvenut nomine jhallasha s-somma ta' LM6,000 oltre l-imghax legali mit-8 ta' Frar 1996 ghaz-zewg legati mhollija lilha mill-mejta Michelina Mifsud biz-zewg testmenti taghha 15 ta' Frar 1994 u 6 ta' Ottubru 1995 fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Dicembru 1996 u bl-ingunzjoni tal-konvenut nomine ghas-subizzjoni.

B'nota tat-12 ta' Dicembru, 1998 l-konvenut eccepixxa:-

1. Illi l-azzjoni in kwantu proposta kontra l-ezekutur testamentarju tal-mejta Michelina Mifsud hi rritwali billi "il-legatarju ghandu jitlob <u>lill-werriet</u> il-pussess tal-haga mhollija legat" (art. 726 Kodici Civili). Il-konvenut ghandu ghalhekk jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju. Din l-eccezzjoni giet irtirata fl-udjenza tal-14 ta' Frar, 1999.
2. Fil-meritu u bla hsara tal-premess, l-attrici hadet dak kollu li gie mholli lilha mill-imsemmija Michelina Mifsud.

**Is-sentenza appellata.**

B’sentenza tas-27 ta’ Frar, 2001 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi laqat t-tieni eccezzjoni tal-konvenut u ghalhekk cahdet it-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra l-istess attrici, u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-
*“Illi l-attrici qed taghmel din il-kawza bhala legatarja tal-mejta Michelina Mifsud li mietet fit-8 ta’ Frar 1996, stante li qed isostni li l-istess decujus permezz ta’ zewg testmenti datati 15 ta’ Frar 1994 u 6 ta’ Ottubru 1995, esebiti mac-citazzjoni bhala Dok. “B” u “C” rispettivament, halliet lilha inter alia zewg lagati ta’ LM3,000 il-wiehed, b’kollox LM6,000, li l-konvenut bhala esekutur testamentarju tal-istess testatrici, qed jirrifjuta li jhallas.*

*Illi minn naha l-ohra l-istess konvenut sostna li l-attrici hadet dak kollu li gie moghti lilha fl-istess testment, stante li l-attrici ghandha dritt biss ta’ legat wiehed, peress li d-disposizzjoni fl-ahhar testment ta’ LM3,000, saret ghaliex l-istess testatrici kienet insiet li kienet gia halliet l-istess legat lill-attrici fl-istess somma permezz ta’ testment precedenti tal-15 ta’ Frar 1994, u ghalhekk dak li huwa dovut lill-istess legatarja huwa biss l-ammont ta’ LM3,000.*

*Illi sabiex tigi risolta din il-pendenza wiehed necessarjament irid ihares lejn it-testmenti tal-istess decujus li jikkonsistu fi tlieta, dak tal-20 ta’ Mejju 1990 (fol 9), dak tal-15 ta’ Frar 1994 (fol 13), u dak tas-6 ta’ Ottubru 1995 (fol 5).*

*Illi fl-ewwel testment ghal dak li jirrigwarda din il-kawza hemm indikat fl-ewwel artikolu li “*t-testatrici Michelina Mifsud thalli b’titolu ta’ legat a favur in-neputija Mary Rose Mifsud bint huwa Angelo, is-somma ta’ elfejn lira Maltin (LM2,000) u d-deheb li jkollha wara mewtha.”

*Illi fit-tieni testment taghha datat 15 ta’ Frar 1994 hija sostniet li qed taghmel dan it-testment* “li bih u in forza tieghu qed timmodifika t-testment taghha fl-atti tieghi *(tan-Nutar Lia)* tal-ghoxrin ta’ Mejju elf disa’ mija u disghin” *fejn*

*ghal dak li jikkoncerna din il-kawza fit-Tieni Artikolu jinghad illi* "it-testatrici Michelina Mifsud tirriferi ghall-ewwel artikolu tal-precitat testment taghha u trid u thalli tlett elef lira (LM3,000) flok elfejn lira (LM2,000) lin-neputija taghha Mary Rose Mifsud."

*Illi fit-tielet u l-ahhar testment taghha tas-6 ta' Ottubru 1995, l-istess testatrici ddikjarat li "*hija qed taghmel dan it-Testment li bih u in forza timmodifika t-Testment taghha fl-atti tieghi tal-ghoxrin ta' Mejju elf disa' mija u disghin billi thassar ghal kollox l-ewwel artikolu tal-istess u floku tordna dan li gej:-

- L-Ewwel Artikolu -

*It-testatrici Michelina Mifsud thalli b'titolu ta' legat a favur in-neputija taghha Mary Mifsud bint huha Angelo is-somma ta' tlett elef lira (LM3,000) u d-deheb li jkollha wara mewtha bil-patt illi jekk fi zmien xahar minn meta l-ezekutur testamentarju msemmi fic-citat Testment b'att gudizzjarju javza lill-istess legatarja biex tersaq biex tiehu dan il-legat, l-istess legatarja ma tersaqx f'dan iz-zmien ta' xahar biex turi li hi taccetta li tiehu dan il-legat, allura l-istess legatarja titlef kull dritt li tiehu dan il-legat u l-istess legat imur b'sostituzzjoni a favur il-Caritas, Malta u ghalhekk l-istess ezekutur testamentarju ghandu l-inkarigu li jbiegh id-deheb u jikkonsenja r-rikavat tal-prezz tal-bejgh ta' dan id-deheb flimkien mas-somma ta' tlett elef lira Maltin lill-istess Caritas, Malta.*

*L-Ezekutur testamentarju ghandu fi zmien xahrejn minn meta jigi konfermat ezekutur testamentarju ghandu javza bl-imsemmi att gudizjarju lill-istess legatarja.*

*Fil-bqija it-Testatrici tikkonferma t-Testment taghha fuq imsemmi."*

*Illi minn dawn il-brani johrog car is-soluzzjoni tal-pendenza odjerna, u dan peress li jirrizulta mill-kliem uzat fl-ahhar testment li t-testatrici kienet insiet li ghamlet testment iehor dwar l-istess legatarja fil-15 ta' Frar 1994, fejn kienet gia bidlet l-ewwel artikolu tat-testment taghha tal-20 ta' Mejju 1990, billi s-somma mhollija bhala legat lill-attrici, giet awmentata minn Lm2,000 ghall-Lm3,000. Dan huwa minnu illi kieku ftakret fl-istess tieni testment, kienet taghmel riferenza ghall-istess testment, ghaliex kien dan*

*it-testment li biddel l-ammont tal-legat lill-attrici kontemplat fl-ewwel artikolu tal-ewwel testment.*

*In verita` dan ma jistax ikun mod iehor ghaliex peress li t-testatrici bl-ahhar testment hassret ghal kollox l-ewwel artikolu tal-ewwel testment, u peress li dan l-istess l-ewwel artikolu tal-ewwel testment kien diga gie emendat bit-tieni artikolu tat-tieni testment taghha tal-15 ta' Frar 1994, dan ikun ifisser li t-testatrici kienet qed thassar artikolu, li kien diga thassar b'testment precedenti (15 ta' Frar 1994), u ghalhekk kienet qed thassar artikolu li ma kienx ghadu in vigore dwar is-somma tal-legat ghaliex kien inbidel bl-artikolu tnejn tat-tieni testment. Dan fil-fatt ifisser in realta` li t-testarici kienet qed thassar legat ta' somma ta' flus li kienet diga thassret b'testment iehor, haga li ma taghmilx sens, u dan fih innifsu jikkonferma kemm fil-verita` l-istess testatrici kienet insiet it-testment li ghamlet fil-15 ta' Frar 1994.*

*Illi jidher car ghalhekk li t-testatrici, ghalkemm kienet konxja li riedet taghti lill-istess attrici legat fis-somma ta' tlett elef lira, u mhux elfejn lira kif kien imsemmi fl-istess testment, peress li insiet li kienet ghamlet testment iehor bejniethom, irriferiet biss ghall-ewwel testment, pero` bil-mankanza da parte tat-testatrici li fl-ahhar testment li issemmi it-tieni testment, u dan ghaliex insiet l-ezistenza tieghu, jidher car li t-testatrici riedet li l-legat lill-attrici jkollu effett kif hija ddisponiet bl-ahhar volonta` taghha tas-6 ta' Ottubru 1995. Illi minn dan premess, allura jirrizulta li s-somma imsemmija darbtejn bhala legat lill-attrici bl-ahhar zewgt testmenti tat-testatrici ma tikkonsistix f'zewg somom ta' LM3,000 il-wahda, izda legat wiehed tas-somma ta' LM3,000.*

*Illi dan jaqbel perfettament ma' dak li xehed in-Nutar Carmelo Lia, li irrediga t-tlett testmenti tat-testatrici, u spjega li l-istess testarici kienet stqarret mieghu fil-presenza tal-konvenut* "li hija riedet thalli biss lin-neputija taghha s-somma ta' tlett elef lira (LM3,000) oltre deheb u f'dan l-ahhar testment taghha hija poggiet x'kellu jigri kieku din il-legatarja ma accettatx dan il-legat. Jiena cert illi t-tieni Testment ma giex mibdul jew modifikat ghas-

semplici raguni li dak il-hin li qed jinkiteb l-ahhar Testment, it-Testatrici kienet inkwetata bl-imgieba ta' Mary Rose Mifsud u kien ghalhekk li dak il-hin ittiehed dak l-izball fis-sens li t-Testatrici insiet li kien diga halliet tlett elef lira (LM3,000) lil din il-legatarja." "Il-biza tat-Testatrici li kien jinkwetaha hafna kien li din in-neputija ma taccettax il-legat lilha mholli u ghal din ir-raguni sar it-tielet u l-ahhar testment."

*Illi dan jaqbel perfettament mal-konkluzzjonijiet fuq raggunti, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan bl-ebda mod ma gie kontradett mill-attrici, stante li din ta' l-ahhar ghalkemm sostniet li certa Antonia Attard, xhud tal-ahhar testment, kienet qaltilha li t-testatrici kienet qalet li riedet tirdoppja l-legat li kien thalla lill-attrici, din l-istess xhud qatt ma tresqet mill-attrici sabiex tixhed quddiem din il-Qorti, u di piu` n-Nutar lanqas sarlu kontro-ezami jew gie b'xi mod kontradett, u ghalhekk din il-Qorti ma ghandha ebda dubju sabiex tasal ghall-konkluzzjoni li t-testatrici kellha l-intenzjoni u fil-fatt riedet li thalli lill-attrici, apparti d-deheb, legat wiehed fis-somma unika ta' LM3,000, u mhux zewg legati ta' LM3,000 il-wiehed.*

*Illi dan johrog car minn kif gew redatti l-istess tlett testmenti, u wkoll mid-deposizzjoni tal-istess Nutar Carmelo Lia, u la darba huwa stabbiliti li f'materja ta' successjoni universali jew partikolari, hija l-volonta` tat-testatur li ghandha tipprevali u tiddetermina l-interpretazzjoni tal-istess testmenti 'mens testatoris' skond 'quod voluit testator', din il-Qorti thoss li abazi tad-dokumenti u l-provi migbura quddiemha, l-unika konkluzzjoni possibbli hija dik li l-attrici hija bhala legatarja intitolata ghall-legat fis-somma ta' tlett elef lira (LM3,000).*

*Illi peress li l-ammont tal-istess legat ta' LM3,000 jirrizulta li diga gie offert lill-istess attrici skond ittra ufficjali datata 5 ta' Dicembru 1996 u ittra legali datat 8 ta' Jannar 1997, u wara r-rifjut da parte taghha li tircevi l-istess ammont per saldo, dan l-istess ammont gie depozitat fir-Registru tal-Qorti permezz ta' Cedola Numru 681/97, u dan l-ammont jista` jigi liberament irtirat mill-attrici, jirrizulta ghalhekk li l-ammont kollu dovut lill-attrici bhala legatarja a bazi tal-*

*istess testmenti tad-decujus jinsab pjenament imhallas, salv li jigi irtirat mill-istess attrici.”*

**L-appell ta’ l-attrici.**

L-attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b’rikorsipprezentata fil-15 ta’ Marzu, 2001 interponiet appella minnha u talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, is-sentenza appellata ghandha tigi revokata u li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut nomine appellat ihallas lill-appellanti s-somma ta’ LM6,000 imholli lilha bit-testment tal-mejta Michelina Mifsud, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut nomine appellat.

Fir-risposta tieghu l-konvenut appellat issottometta li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell ghandu jigi michuda bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**L-aggravji mresqa mill-appellanti:-**

Fir-rikors tal-appell gew puntwalizzati tlett aggravji u cioe`:-

a) Li fid-decizjoni taghha l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx certi kanoni stabbiliti fil-ligi u fil-gurisprudenza u b’hekk waslet ghall-konkluzjonijiet kuntrarji ghal dak li gie dejjem ritenut cioe` “*li dak li ghandu jigi rispettat f’interpretazzjoni ta’ testmenti hija il-volonta` testamentarja u mhux il-volonta` tat-testatrici;”*

b) illi x-xhieda estrinseci ghat-testment m’ghandhom l-ebda valur probatorju u m’ghandhomx jigu kunsidrati bhala xhieda idonei kif jistipula l-artikolu 692(1) tal-Kodici Civili;

c) illi z-zewg disposizzjonijiet testamentarji kif imhollija fiz-zewg testmenti mhumiex kontradittorji u jistghu jissussistu flimkien.

**Konsiderazjonijiet ta’ din il-Qorti.**

Testment huwa espressjoni tal-volonta` tat-testatur li, permezz tieghu, jiddisponi minn gidu ghall-wara mewtu. Dan l-att jidhol fis-sehh wara l-mewt tat-testatur billi fin-

natura tieghu jista` jigi mhassar u konsegwentement ikollu effett biss dak it-testment jew dawk it-testmenti li, fid-data tal-mewt tat-testatur, ikun jew ikunu ghadhom vigenti. Bhala regola generali l-ligi in materja tiddisponi li "*Kull disposizzjoni ta' testment, sew jekk tkun saret taht l-isem ta' istituzzjoni ta' werriet, sew taht l-isem ta' legat, kemm ukoll taht kull isem iehor, ghandha effett, basta"* jkompli l-Artikolu 683 tal-Kap 16 "*li tkun imfissra b'mod li l-volonta` tat-testatur tista' tigi maghrufa, u ma tkunx kuntrarja ghad-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodici.*"

Il-volonta` tat-testatur hija dik li tirrizulta mill-att innifsu u b'rispett lejn dan il-principju kemm l-awturi kif ukoll l-gurisprudenza dejjem irritenew li mhux legittimu li tinghata interpretazzjoni ta' dak li xtaq it-testatur billi tali interpretazzjoni tista' tghawweg dak li fil-verita` ried it-testatur u b'hekk tmur kontra dik il-volonta` proprja hekk kif tirrizulta mill-qari tad-disposizzjoni testamentarja. Jekk id-disposizzjoni testamentarja hija cara, ghandha tinghata effett.

Fil-kaz in ezami l-Qorti hija konfrontata bi tlett testmenti maghmula mid-decujus u ricevuti dejjem mill-istess Nutar Pubbliku. In succint u ghas-skans ta' ripetizzjonijiet inutili jinghad li f'dawn it-testmenti t-testatrici ghamlet disposizzjonijiet b'titolu partikolari favur l-attrici appellanti billi l-istess attrici hija l-beneficjarja ta' somma jew sommom ta' flus imhollija bhala legat. Il-kwistjoni li tinsab quddiem il-Qorti tikkoncerna proprju l-quantum tal-legat. Jirrizulta in fatti li fl-ewwel testment tal-1990 id-decujus halliet legat ta' LM2,000 u d-deheb taghha lill-attrici. Fi Frar tal-1994 id-decujus ziedet l-ammont tal-legat minn LM2,000 ghall-LM3,000 minghajr ma "*hassret*" b'mod espress, l-artikolu relevanti ta' l-ewwel testment. Cirka sena u seba' xhur wara l-pubblikazzjoni tat-tieni testment id-decujus ghamlet testment iehor li basikament kien limitat ghall-konsiderazzjoni tal-laxxitu lill-attrici. Infatti f'dan it-testment it-testatrici issa hassret l-artikolu relevanti ta' l-ewwel testment taghha fejn l-attrici kienet giet imhollija legat ta' LM2,000 u issostitwit l-istess disposizzjoni testamentarja billi issa halliet lin-neputija taghha LM3,000 u d-deheb taht kundizzjonijiet specifici fir-

rigward ta' accettazzjoni tal-legat mill-legatarja u bis-sostituzzjoni, fil-kaz ta' inadempjenza da parti tal-legatarja tal-obbligi hemm imposti fuqha, favur il-Caritas, Malta.

L-esekutur testamentarju, rinfaccat b'din is-sitwazzjoni, deherlu li l-attrici appellanti kienet biss intitolata ghas-somma ta' LM3,000 u effettivament iddeposita din is-somma favur l-istess attrici fir-Registru tal-Qorti, b'hekk eccepixxa li l-attrici kienet hadet dak kollu li gie imholli lilha mid-decujus. L-ewwel qorti akkoljit din l-eccezzjoni tal-konvenut appellat billi rriteniet li kien jidher car li t-testatrici riedet thalli lill-attrici s-somma ta' LM3,000 biss u mhux kif kienet qed isostni l-istess attrici. Din il-konkluzzjoni l-ewwel qorti waslet ghaliha billi osservat li meta gie ppublikat l-ahhar testment, l-attrici kienet **insiet** (enfazi ta' din il-Qorti) li kienet ghamlet testment iehor fejn immodifikat id-disposizzjoni testamentarja kontenuta fl-ewwel testment. Inoltre dik il-Qorti osservat ukoll li dan il-lapsus mentali kien ta' bilhaqq jezisti ghaliex kuntrarjament kien ikun kontro sens li tannulla provediment testamentarju li ma kellux aktar effett inkwantu dan gie mibdul ossia emendat b'testment sussegwenti. F'din il-konkluzzjoni l-ewwel qorti sabet konfort f'dak li xhed in-Nutar Carmelo Lia li ppublika t-testmenti in kwistjoni.

Din il-Qorti thossha turbata bil-materja tal-vertenza li tinsab quddiemha u dana billi hija adita sabiex tiddetermina ezattament dak li t-testatrici kellha f'mohha konfrontat ma dak li jirrizulta in atti. Wara ezami dettaljat tal-atti processwali senjatament it-testmenti ezebiti din il-Qorti tasal biex tikkondividi l-konkluzzjoni ta' l-ewwel qorti, izda mhux ghall-istess ragunijiet u dan kif sejjer jigi spjegat hawn taht.

*1.* Fl-ewwel lok din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-hsieb ta' l-ewwel qorti li dak li inkiteb fl-ahhar testment huwa rizultat tal-fatt li t-testatrici kienet insiet li ghamlet testment iehor. Dikjarazzjoni bhal din mhux ammissibbli billi b'dan il-mod il-gudikant jkun qed jarroga ghalieh innifsu certa poteri intuwitivi li jesorbitaw mill-mansjonijiet tieghu. Dan premess din il-Qorti tosserva li huwa kemm xejn difficli li taccetta dak li qalet l-ewwel qorti billi jirrizulta li t-testment

li allegatament id-decujus kienet insiet dwar l-ezistenza tieghu, kien gie publikat cirka sena u seba' xhur qabel l-ahhar testment. Mentri l-ewwel testment fejn l-attrici appellanti kienet giet imhollija legat ta' LM2,000, kien gie pubblikat hames snin u hames xhur qabel l-ahhar testment. Il-konkluzzjoni li din il-qorti tista' tigbed minn dan il-fatt huwa li jekk it-testatrici kellha tinsa xi testment certament kien jkun dak li kien gie publikat hafna snin qabel u mhux dak li ppreceda l-ahhar testment bi perjodu relativament qasir. Dan apparti li min-natura komplessa tad-disposizzjonijiet testamentarji tat-tieni testment huwa wisq improbabli li t-testatrici setghet tinsa dan l-att. Ir-raguni vera tal-volonta` tat-testarici ghalhekk trid tigi mistharga bnadi ohra.

2. Kif ga rajna disposizzjoni testamentarja ghandha jkollha effett "*basta li tkun imfissra b'mod li l-volonta` tat-testatur tista' tigi maghrufa....*" Dan jfisser li meta l-Qorti tigi adita` biex taghti effett lil xi disposizzjoni testamentarja, il-gudikant irid ta' bilfors jillimita l-ezami tieghu ghall-kitba li jkun hemm fit-testment u ma ghandux jiehu in konsiderazzjoni fatturi estranei, anke jekk dawn jkunu jikkonsistu fix-xhieda tan-Nutar li ppublika l-att, billi dawn qatt ma jistghu jmorru kontra dak li jidher mill-att innifsu.

3. Minn qari akkurat tad-disposizzjonijiet testamentarji relevanti din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li t-testatrici dejjem riedet li thalli legat wiehed lill-attrici. Infatti kif graw l-affarijiet u bil-mod kif inhuma redatti l-artikoli relevanti, ma jidher li hemm ebda diskrepanza. Dan qed jinghad billi, kif gja gie osservat aktar 'l fuq, it-tieni Artikolu tat-testment tal-15 ta' Frar 1994 (cioe` ghall-kjarezza – it-tieni testment) qatt ma kien intiz li jikkancella, u effettivament qatt ma kkancella, l-ewwel artikolu ta' l-ewwel testment u cioe` dak tal-20 ta' Mejju 1990. Kullma gara bit-tieni artikolu tat-tieni testment kien li varja l-ammont tal-legat imholli bl-ewwel artikolu ta' l-ewwel testment. Infatti dan l-artikolu jghid espressament hekk: "*It-testatrici Michelina Mifsud tirriferi* (sottolinear tal-Qorti) *ghall-ewwel Artikolu tal-precitat testment taghha u trid u thalli tlett elef lira (LM3,000) flok elfejn lira (LM2,000) lin-neputija xebba Mary Rose Mifsud.*" Dan ifisser li in effetti baqat in vigore l-istituzzjoni ta' legatarja maghmula bl-Ewwel Artikolu ta' l-

ewwel testment, b'dana li gie biss varjat l-ammont. Jidher li hemm rabta cara bejn iz-zewg artikoli li jaghmlu sens biss jekk jinqraw flimkien. Ghalhekk meta t-testatrici, bit-tielet testment taghha (cioe` dak tas-6 ta' Ottubru, 1995) hassret ghal kollox l-ewwel artikolu tat-testment taghha tal-20 ta' Mejju, 1990, kienet effettivament qed thassar ukoll kwalunkwe disposizzjoni testamentarja ohra marbuta ma', u incidentali ghal, l-istess legat. Jidher car li fil-perjodu traskors bejn it-tieni testment u l-ahhar testment, gara xi haga li ta lit-testatrici x'tifhem li kien hemm il-possibilita` (ghalkemm fil-verita` din il-Qorti thoss li hija remota billi mhux normali li legatarju ma jaccettax legat mhux kondizzjonat) li l-attrici, ghal xi raguni jew ohra ma taccettax il-legat imholli lilha u kien ghalhekk li l-istess testatrici ordnat li f'din l-eventwalita` tibbenefika l-Caritas b'mod dirett u b'hekk l-ammont ta' LM3,000 u l-valur tad-deheb (li incidentalment jissemma fl-ewwel artikolu ta' l-ewwel testment u jerga jissemma fl-ewwel artikolu ta' l-ahhar testment) ma jergawx jidhlu fl-assi ereditarji taghha a favur tal-eredi ab intestato.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell tal-attrici qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fis-sens li nghad hawn fuq, bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------